**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 07/2015**

**Christine Scerri (ID 441656M)**

**vs**

**Raymond Agius (ID 110654M)**

**Illum, 14 ta' Lulju 2016,**

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

> Illi permezz ta' skrittura private tad-9 ta' Frar 2000, hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, Violet Cassano, omm r-rikorrenti tat bi titolu ta' kera lis-socjeta AGS Company Limited fil-hanut 86, Jamilla, Triq Manuel Dimech, Sliema illum bl-isem Luxe Real Estate;
>
> Illi r-rikorrenti hija werrieta ta' ommha;

Illi l-hanut huwa maghluq u mhux qed jithallas il-kera u l-anqas ma thallas ir-rigalli weighed ihallas anki ricentament;

llli illum is-socjeta AGS Company Limited huwa struck off mir-Registru tal-Kumpaniji u d-direttur, rapprezentant guridiku u company secretary kien l-intimat:

llli fi kawsola 9 ta' l-iskrittura hawn fuq indikat, jekk l-inkwerelin naqqas zewg pagamenti ta' kera jew ammont ekwivalenti, kif fil-fatt ghamel, is-sid ikollha d-dritt li jitterima da nil-ftehiem u terga tiehu puissess tal-hanut immedjatament;

Illi socjeta AGS Company Limited u l-intimat ilhom ma jhalsu kera minn 30 ta' Mejju 2013 u di piu ghandhom ihalsu l-kontijiet ta' l-elettriku u l-ilma li ghadhom pendent.

Illi l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli ta' l-azzjoni prezenti;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob lil dan it-Tribunal sabiex:

(a) tghaddi biex tiddecidi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smigh ghat-termini tal-artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) biex tiddikjara u tiddeciedi li l-kirja skond l-iskrittura ta' lokazzjoni tad-9 ta' Frar 2000 rigward il-fond 86, Jamilia, Triq Manuel Dimech, Sliema, giet terminate ipso jure u b'hekk l-intimat ghandu jivvaka l-hanut u jirritoma l-pussess lura lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju.

(c) Jikkundanna l-applikant ihallas s-somma ta' sebat elef sitt mija u sitt Euros (€7606)

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fl-04 ta' Mejju 2015;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh bil-procedura tal-affissjoni fil-25 ta' Mejju 2015;

Ra illi fit-02 ta' Gunju 2015, l-intimat prezenta nota ta' oggezzjonijiet a tenur ta' l-Artikolu 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra illi fis-seduta tal-04 ta' Gunju 2015, l-intimat naqas li jidher quddiem il-Bord izda il-Bord ex officio ikkonceda lill-intimat terminu ta' 20 jum ghall-prezentata tar-risposta tieghu ghar-rikors promotur minhabba li r-rikors odjern kien nieqes mill-elementi necessarji rikjesti mill-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra illi minkejja t-terminu lilu koncess l-intimat baqa' ma prezenta l-ebda risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi u dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni li l-kirja giet terminata, l-izgumbrament tal-intimat, u kundanna ghall-hlas ta' sebat elef sitt mija u sitt Ewro (€7,606).

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet attrici u naqas ukoll illi jidher quddiem il-Bord u ghalhekk, minkejja n-nota ta' oggezzjonijiet imressqa inizjalment a tenur ta' l-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12, ma kkontestax it-talbiet attrici bil-mod li tirrikjedi l- ligi.

Illi r-rikorrenti ressqet diversi provi biex tissostanzja t-talbiet taghha u kkonfermat ukoll it-talbiet taghha fl-affidavit taghha a folio 22 tal-process.

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, jiddikjara l-imsemmija kirja terminata u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' tletin (30) jum mil-lum, jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef u sitt mija u sitt Ewro (€7606), bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur